C/2025/5242

29.9.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Lulju 2025

li tagħti l-istruzzjoni lill-amministratur ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni li jdaħħal il-korrezzjonijiet tat-tabelli tal-allokazzjoni nazzjonali taċ-Ċekja, tal-Ġermanja, ta' Franza, tan-Netherlands u tal-Finlandja fir-Reġistru tal-Unjoni

(C/2025/5242)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(3), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) L-Istati Membri ssottomettew il-lista tal-installazzjonijiet fit-territorju tagħhom skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE lill-Kummissjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/355 ([3]), il-Kummissjoni ma ressqet l-ebda oġġezzjoni fir-rigward tal-listi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE kif sottomessi mill-Belġju, mill-Bulgarija, miċ-Ċekja, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Irlanda, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Kroazja, mill-Italja, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Litwanja, mil-Lussemburgu, mill-Ungerija, min-Netherlands, mill-Awstrija, mill-Polonja, mill-Portugall, mir-Rumanija, mis-Slovenja, mis-Slovakkja, mill-Finlandja u mill-Iżvezja, għajr kif stabbilit fl-Artikolu 1 u fl-Annessi ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) L-Istati Membri ddeterminaw u nnotifikaw l-ammonti annwali preliminari ta' kwoti bla ħlas għal kull installazzjoni bl-użu tal-valuri tal-parametru referenzjarju riveduti ddeterminati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 ([4]), skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 ([5]).

(4) Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/927 ([6]), ġie ddeterminat li ma kien jeħtieġ jiġi applikat l-ebda aġġustament għall-ammonti annwali preliminari tal-kwoti bla ħlas skont l-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, peress li d-domanda ma qabżitx l-ammont massimu.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj.
([2]) ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1122/oj.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/355 tal-25 ta' Frar 2021 dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali bla ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 68, 26.2.2021, p. 221, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1122/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 tat-12 ta' Marzu 2021 li jiddetermina l-valuri riveduti tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 87, 15.3.2021, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/447/oj).
([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/331/oj).
([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/927 tal-31 ta' Mejju 2021 li tiddetermina l-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali uniformi għall-aġġustament ta' allokazzjonijiet bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 (OJ L 203, 9.6.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/927/oj).

(5) Iċ-Ċekja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tat-23 ta' Ġunju 2025. Fil-każ tal-installazzjoni CZ-167, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjonijiet tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali. Is-subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali fl-installazzjoni CZ-128 inqasmet f'subinstallazzjoni tas-sħana u f'subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali.

(6) Il-Ġermanja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha permezz ta' ittra bid-data tat-3 ta' Lulju 2025. Fil-każ tal-installazzjoni DE-63, ġie kkoreġut il-fattur ta' skambjabbiltà tal-elettriku tas-subinstallazzjoni tal-azzar bil-karbonju bl-użu ta' fran bl-ark elettriku (EAF, electric arc furnace). Fil-każ tal-installazzjoni DE-67, ġew ikkoreġuti l-fatturi ta' skambjabbiltà tal-elettriku tas-subinstallazzjoni tal-azzar bil-karbonju bl-użu ta' EAF u tas-subinstallazzjoni tal-azzar illigat ħafna bl-użu ta' EAF. Fil-każ tal-installazzjoni DE-1134, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana. Fil-każ tal-installazzjoni DE-1255, ġie kkoreġut l-istatus tal-ġeneratur tal-elettriku. Fil-każ tal-installazzjoni DE-1687, ġie kkoreġut l-istatus tal-ġeneratur tal-elettriku. Mal-installazzjoni DE-1687 żdiedet subinstallazzjoni tal-fjuwil. Fil-każ tal-installazzjoni DE-1868, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana.

(7) Franza nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha permezz ta' ittra bid-data tal-4 ta' Lulju 2025. Fil-każ tal-installazzjoni FR-12, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana. Mal-installazzjoni FR-12 żdiedet subinstallazzjoni tal-fjuwil. Fil-każ tal-installazzjoni FR-443, ġiet ikkoreġuta d-diviżjoni f'subinstallazzjonijiet. Fil-każ tal-installazzjoni FR-443, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tal-karta fina miksija u tas-subinstallazzjoni tas-sħana. Barra minn hekk, mal-installazzjoni FR-443 żdiedu subinstallazzjoni tal-karta fina mhux miksija u subinstallazzjoni tal-fjuwil. Fil-każ tal-installazzjoni FR-825, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil. Fil-każ tal-installazzjoni FR-206282, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil.

(8) In-Netherlands innotifikaw xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħhom permezz ta' ittri bid-data tal-24 ta' Frar 2025 u tal-21 ta' Mejju 2025. Fil-każ tal-installazzjoni NL-111, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana. Il-livelli ta' attività storiċi, il-fatturi ta' skambjabbiltà tal-elettriku u l-importazzjonijiet tas-sħana minn installazzjonijiet mhux tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS, emissions trading system) ġew ikkoreġuti għas-subinstallazzjoni tas-sħana, għas-subinstallazzjoni tal-fjuwil, għas-subinstallazzjoni tal-ikkrekkjar bil-fwar, għas-subinstallazzjoni tal-aromatiċi, għas-subinstallazzjoni tal-istiren u għas-subinstallazzjoni tal-ossidu tal-etilen/tal-etilenglikol fl-installazzjoni NL-383.

(9) Il-Finlandja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha permezz ta' ittra bid-data tat-3 ta' Lulju 2025. Fil-każ tal-installazzjoni FI-26, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali. Fil-każ tal-installazzjoni FI-396, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tal-kartun mhux miksi, tas-subinstallazzjoni tal-kartun miksi u tas-subinstallazzjoni tas-sħana. Mal-installazzjoni FI-399 żdiedet subinstallazzjoni tal-polpa tal-karta rkuprata. Fil-każ tal-installazzjoni FI-444, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana, tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil u tas-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess. Fil-każ tal-installazzjoni FI-444, ġie kkoreġut il-fattur ta' skambjabbiltà tal-elettriku tas-subinstallazzjoni tal-azzar illigat ħafna bl-użu ta' EAF. Is-subinstallazzjoni tas-sħana għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fl-installazzjoni FI-445 inqasmet f'subinstallazzjoni tas-sħana għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u f'subinstallazzjoni tas-sħana mhux għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Fil-każ tal-installazzjoni FI-458, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjonijiet tas-sħana. Fil-każ tal-installazzjoni FI-568, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana. Fil-każ tal-installazzjoni FI-623, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil. L-importazzjonijiet tas-sħana minn installazzjonijiet mhux tal-ETS ġew ikkoreġuti għas-subinstallazzjoni tal-ikkrekkjar bil-fwar u għas-subinstallazzjoni tal-fenol/aċeton fl-installazzjoni FI-623. Fil-każ tal-installazzjoni FI-206121, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil. Is-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess tneħħiet mill-installazzjoni FI-206121. Fil-każ tal-installazzjoni FI-206136, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil u tas-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess.

(10) It-tabelli tal-allokazzjoni nazzjonali nnotifikati huma f'konformità mal-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE, mar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u mad-Deċiżjoni (UE) 2021/355.

(11) Għalhekk, jixraq li l-amministratur ċentrali jingħata l-istruzzjoni li jdaħħal dawk il-korrezzjonijiet fir-Reġistru tal-Unjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

L-amministratur ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni qed jingħata l-istruzzjoni li jdaħħal il-korrezzjonijiet tat-tabelli tal-allokazzjoni nazzjonali taċ-Ċekja, tal-Ġermanja, ta' Franza, tan-Netherlands u tal-Finlandja bl-ammonti annwali finali għall-allokazzjoni tranżizzjonali bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025, kif stabbilit fl-Anness, fir-Reġistru tal-Unjoni.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Wopke HOEKSTRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Iċ-Ċekja

ID tal-Installazzjoni	ID tal-Installazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
CZ000000000000128	128	Elektrárna Tisová	Elektrárna Tisová, a.s.	9 237	8 999	8 762	8 525	8 287	43 810
CZ000000000000167	167	TAMERO INVEST s.r.o.	TAMERO INVEST s.r.o.	104 156	101 480	98 804	96 128	93 451	494 019
			TOTAL	113 393	110 479	107 566	104 653	101 738	537 829

ANNESS II

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Il-Ġermanja

ID tal-Installazzjoni	ID tal-Installazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
DE000000000000063	63	Elektrostahlwerk mit Nebenanlagen	ESF Elbe-Stahlwerke Feralpi GmbH	43 022	43 022	43 022	43 022	43 022	215 110
DE000000000000067	67	Elektrostahlwerk	ArcelorMittal Hamburg GmbH	64 291	64 291	64 291	64 291	64 291	321 455
DE000000000001134	1134	EVC I	GLOBALFOUNDRIES Dresden Module Two Limited Liability Company & Co. KG	4 346	4 234	4 123	4 011	3 899	20 613
DE000000000001255	1255	Heizwerk Dieselstraße (HW Dieselstraße)	EVH GmbH	274	267	260	253	246	1 300
DE000000000001687	1687	Kartoffelverarbeitungswerk Aldrup	Agrarfrost GmbH	28 285	28 285	28 285	28 285	28 285	141 425
DE000000000001868	1868	EVC II	GlobalFoundries Dresden Module One LLC & Co. KG	6 511	6 343	6 176	6 009	5 841	30 880
TOTAL				146 729	146 442	146 157	145 871	145 584	730 783

ANNESS III

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Franza

ID tal-Installazzjoni	ID tal-Installazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
FR000000000000012	12	Chaufferie INTERSNACK FRANCE - Montigny-Lengrain	INTERSNACK	1 874	1 874	1 874	1 874	1 874	9 370
FR000000000000443	443	PAPETERIES DU LEMAN	PAPETERIES DU LEMAN	5 911	5 911	5 911	5 911	5 911	29 555
FR000000000000825	825	Chaufferie BUTACHIMIE	BUTACHIMIE SNC	547 797	547 797	547 797	547 797	547 797	2 738 985
FR000000000206282	206282	Unilin Bazeilles	UNILIN SAS	87 782	87 782	87 782	87 782	87 782	438 910
			TOTAL	643 364	643 364	643 364	643 364	643 364	3 216 820

ANNESS IV

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: In-Netherlands

ID tal-Installazzjoni	ID tal-Istallazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
NL000000000000111	111	Chemours Netherlands B.V.	Chemours Netherlands B.V.	52 400	52 400	52 400	52 400	52 400	262 000
NL000000000000383	383	Shell Nederland Chemie BV, vestiging Moerdijk	Shell Nederland Chemie BV	1 619 991	1 619 991	1 619 991	1 619 991	1 619 991	8 099 955
			TOTAL	1 672 391	1 672 391	1 672 391	1 672 391	1 672 391	8 361 955

ANNESS V

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Il-Finlandja

ID tal-Installazzjoni	ID tal-Istallazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
FI0000000000000026	26	Suomenojan voimalaitos	Fortum Power and Heat Oy	68 883	67 113	65 343	63 573	61 803	326 715
FI0000000000000396	396	Stora Enso Oyj, Imatran tehtaat	Stora Enso Oyj	248 725	248 725	248 725	248 725	248 725	1 243 625
FI0000000000000399	399	Stora Enso Oyj Varkauden tehtaat	Stora Enso Oyj	84 159	84 159	84 159	84 159	84 159	420 795
FI0000000000000444	444	Outokumpu Tornion tehtaat	Outokumpu Chrome Oy, Outokumpu Stainless Oy	717 340	717 340	717 340	717 340	717 340	3 586 700
FI0000000000000445	445	Raahen terästehdas	Raahen Voima Oy, SSAB Europe Oy	3 302 175	3 302 175	3 302 175	3 302 175	3 302 175	16 510 875
FI0000000000000458	458	Lapinlahden lämpölaitos	Adven Oy	16 285	15 866	15 448	15 030	14 611	77 240
FI0000000000000568	568	Joutsenon laitos	Adven Oy	10 955	10 955	10 955	10 955	10 955	54 775
FI0000000000000623	623	Borealis Polymers Oy:n tuotantolaitokset	Borealis Polymers Oy	577 590	577 590	577 590	577 590	577 590	2 887 950
FI0000000000206121	206121	Boliden Kokkola Oy, sinkkitehdas	Boliden Kokkola Oy	48 462	48 462	48 462	48 462	48 462	242 310
FI0000000000206136	206136	Boliden Harjavalta Oy, Harjavallan tehtaat	Boliden Harjavalta Oy	42 767	42 767	42 767	42 767	42 767	213 835

TOTAL	5 117 341	5 115 152	5 112 964	5 110 776	5 108 587	25 564 820

ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5242/oj